**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 - L-ERBGĦA 8 TA' APRIL 2020**

Din il-laqgħa saret permezz ta' Zoom Cloud Meeting fil-17:13.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Kulħadd kien prezenti għal-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċidenti.

2.2 Il-Minuti ġew approvati wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillieri Cuomo, Gatt u Deguara.

2.3 Arising minn para. 4.6 tal-minuti preċedenti – is-Sindku spjegat li mhux il-Kunsill Lokali Naxxar biss ma rebaħx fondi iżda anke kunsilli oħrajn. Saħansitra kien hemm Kunsilli li infurmawhom li se jingħataw il-fondi u wara xorta ma ħadu xejn. Sal-lum il-Kunsill ma rċevix risposta mingħand id-Direttur. Is-Sindku proponiet li ssir laqgħa mal-*Animal Welfare* flimkien mal-Kunsillier Abela..

2.4 Arising minn para. 15.3 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku rringrazzjat lil Kunsillier Spiteri rigward ir-rapport li għamel dwar it-traqqiegħ maġġuri fi Vjal 21 ta' Settembru. Il-Kunsillier Spiteri ltaqa' mal-kuntrattur u l-ispiża tat-traqqiegħ maġġuri se titla' għal bejn €60,000 u €70,000. Is-Sindku se tibgħat imejl lill-Ministru Borg biex jgħidilna meta hemm il-ħsieb li tiġi ri-kostruwita

Vjal il-21 ta' Settembru sabiex ma jintefqux flus mill-Kunsill għalxejn. Wara dan il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-estent tax-xogħol li se jinvesti fih. Il-Kunsill qabel.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fl-4 ta' Marzu s-Sindku kellha laqgħa mal-Aġenzija Sapport. F'din il-laqgħa ġie diskuss proġett ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Dan il-proġett huwa mmirat għal persuni b'kull tip ta' diżabiltà fejn jgħinuhom isibu xogħol. Is-SE spjega li l-persuni jkunu Autistic u l-Kunsill m'għandux il-mezzi li jaċċetta nies li jkollhom bżonn attenzjoni l-ħin kollu. Il-Kunsill qabel.

3.3 Fl-4 ta' Marzu s-Sindku kellha laqgħa mas-Segretarju Permanenti Anthony Gatt u s-Sinjorina Lydia Chircop mill-Ministeru tal-Onorevoli Michael Farrugia. F'din il-laqgħa ġie diskuss li ħaddiema minn oqsma differenti jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill u jaħdmu mill-Kunsill. Il-Kunsillier Brincat qajjem il-punt li l-importanti ma jintużawx *computers* tal-Kunsill iżda jużaw laptops tagħhom. Is-SE spjega li l-uffiċċju tl-Kunsill huwa limitat għall-ispazju u għalhekk il-Kunsill m'għandux jaċċetta. Il-Kunsill qabel.

3.4 Fis-6 ta' Marzu is-Sindku kellha laqgħa mal-Kumitat Magħtab, preżenti kien hemm il-Kunsillier Deguara, il-Kunsillier Spiteri u l-Kunsillier Gatt. Il-Kumitat hu ffurmat minn dawn il-membri - is-Sur John Grech (rappreżentant tas-Salina), is-Sur Anthony Sammut (rappreżentant tal-Għallies, il-Magħtab kif ukoll il-bdiewa), is-Sur John Portelli (rappreżentant tal-Magħtab) u s-Sur Anthony Abdilla (rappreżentant ta' Baħar iċ-Ċagħaq).

3.5 Fid-9 ta' Marzu is-Sindku għamlet żjara lill-artist is-Sur Sonny Gatt ġewwa l-*work shop* tiegħu. Magħha kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Gatt qed jaħdem fuq monument li se jkun esebit fir-roundabout fiż-żona t'Alla w Ommu. Ix-xogħol fuqu miexi b'ritmu tajjeb ħafna.

3.6 Is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Holgar Camilleri fejn ġie diskuss li l-Water Services Corporation se jqassmu apparat biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma. Is-Sur Camilleri talab lil Kunsill biex ikollhom post fil-Pjazza sabiex ikunu jistgħu iqassmu dan l-apparat. Il-Kunsill qabel.

3.7 Fl-24 ta' Marzu is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana. Fil-laqgħa ġie diskuss is-CCTV. Ir-reġjun kellu laqgħa mal-LESA fuq il-moniteraġġ tas-sistema. Il-LESA jridu li jissorveljaw fuq mmaneġġjar tat-traffiku biex b'hekk ikunu jistgħu jagħtu ċ-ċitazzjonijiet min-*number plates*. Il-Kunsill iħallas għall-ispejjeż ta' *internet,* dawl u manutenzjoni tal-*cameras.*Is-SE spjega li qabel ma titiehed deċiżjoni mill-Kunsill importanti li wieħed jevalwa sew l-ispejjez relatati. Is-SE semma wkoll li id-dħul taċ-ċitazzjonijiet imur kollu għall-LESA. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera biex min għadu ma bagħtx l-informazzjoni rispettiva lir-Reġjun jibgħatuha mill-aktar fis. Dan minħabba lir-Reġjun dalwaqt jippubblika l-ktieb.

3.8 Il-Kunsillier Gaffiero kellu jattendi għal seminar organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Gaffiero informa li din il-laqgħa kienet tħassret.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI ĦLASIJIET**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji li kienu:

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgha nr 8/10)

5.1.2 Lista ta' pagamenti (Seduta tal-Laqgha nr 8/11)

5.1.3 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Frar 2020

5.1.4 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Marzu 2020

5.1.5 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Frar 2020

5.1.6 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Marzu 2020

5.1.7 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Frar 2020

5.1.8 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Marzu 2020

5.2 Il-Kunsill approva dawn il-listi li huma annessi ma' dawn il-minuti wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**6. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq ir-rapport mil-Kumitat tal-Finanzi tal-laqgħa li saret fis-27 ta' Marzu 2020.

6.2 Il-Kunsill approva r-rapport imressaq lilu fuq proposta tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Brincat.

**7. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq ir-rapport mis-sottokumitat Talbiet u Lmenti tal-laqgħa li saret fis-27 ta' Marzu 2020.

7.2 Is-SE ressaq l-aħħar punt rigward ilment minn residenti li joqgħodu fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija fil-Magħtab (viċin it-trejqa għal Baħar iċ-Ċagħaq) dwar vetturi goffi. Ir-residenti tal-akkwata avviċinaw lil SE li minn din it-trejqa qed jgħaddu ammont ta' trakkijiet kbar iżda ma kellhomx kemm ammont ta' trakkijiet qed jgħaddu minn hemm. Is-SE spjega li r-residenti ħadu l-liġi b'idejhom billi waħħlu tabelli "*No Heavy Vehicles*" bla ma kellhom ebda dritt. Is-SE informa sabiex issir tabella "*No Heavy Vehicles*" u jidħlu biss dawk it-trakkijiet li huma residenti f'din it-triq. Ir-Resident irid jġib miegħu il-*log book* u li l-indirizz irid ikun fuq il-Magħtab. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' joħroġ il-permess bil-kundizzjonijiet kollha u fil-permess ikollu ħin indikat minn x'ħin sa x'hin irid jidħol u joħroġ. Il-Kunsill qabel.

7.3 Il-Kunsill approva r-rapport imressaq fuq proposta tal-Kunsillier Brincat issekondat mill-Kunsillier Gatt.

8. **ĠIEĦ IN-NAXXAR**

8.1 Is-Sindku pproponiet li jsir sotto-kumitat ta' tlett (3) membri sabiex jingħata t-titlu ta' Ġieħ in-Naxxar kif ukoll għal rikonnoxximent.

8.2 Il-membri tas-Sotto Kumitat se jkunu s-Sindku, Il-Kunsillier Gaffiero, il-Kunsiller Deguara u l-Kunsillier Gatt.

**9. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI**

9.1 Is-Sindku semmiet li għadha ma rċivietx rapporti mingħand il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Cuomo u l-Kunsillier Abela.

9.2 Is-SE spjega li dan ir-rapport irid jinkludi x-xogħol imwettaq mill-Kunsillier u mhux x'għamel il-Kunsill. Lanqas m'għandu jkun inkluż rapporti dwar ilmenti li saru lill-Kunsill.

**10. ĠNIEN ĠDID FI TRIQ TAL-LABOUR**

10.1 Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pjanti bl-aħħar tibdiliet tal-proġett.

10.2 Il-Kunsill qabel li jsir *Public Consultation* mar-residenti tal-akkwata rigward dan il-proġett.

10.3 Wara diskussjoni dwar l-aħjar metodu ta' konsultazzjoni l-Kunsillier Gatt ippropona li jisir *billboard* fuq is-sit fejn se jiġi l-ġnien.

10.4 Dwar dan kien hemm qbil. Il-Pjanta ġiet pproposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo.

**11. PROĠETT TA' TRIQ SAN PAWL**

11.1 Is-SE ressaq pjant bi proposti tal-Perit tal-Kunsill fiż-żona tal-knisja ta' San Pawl. Din kienet tinkludi zebra crossing kif ukoll art tal-porfido. Il-lok taz-zebra crossing ikun irid jiġi approvat minn TM biex IM timplimentah bħala parti mill-proġett.

11.2 Il-Kunsill qabel mal-proġett kif propost mill-Perit u għalhekk il-Kunsill irid jasal f'arranġament ma' Infrastruttura Malta biex jitwettaq.

11.3 Il-Kunsill qabel li jintalab permess ukoll biex issir zebra crossing aktar l-isfel fl-istess triq.

**12. IS-SITWAZZJONI TAL-ARTIJIET FIL-MAGĦTAB GĦALL-*LANDFILL***

12.1 Sar kuntatt mal-Ministru u kien hemm informazzjoni li se jkun hemm tibdil sostanzjali mill-pjan oriġinali.

12.2 Il-Kunsill għandu jirċievi risposta mingħand il-Ministru.

**13. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.12.

13.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju fil-17.00

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |